

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 80/181/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-unitajiet ta' kejl

COM(2007) 510 finali — 2007/0187 (COD)

(2008/C 120/02)

Nhar is-26 ta' Settembru 2007, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 95 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, dwar

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 80/181/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jikkonċernaw l-unitajiet ta' kejl.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar il-21 ta' Novembru 2007. Ir-rapporteur kien **is-Sur Cassidy**.

Matul l-440 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2007 (seduta tat-12 ta' Diċembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'114-il vot favur u 2 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE japprova l-proposta preżenti mingħajr riservi.

1.2 Id-Direttiva ssemmi tmiem l-2009 bħala l-iskadenza għall-użu ta' "indikazzjonijiet supplimentari" jiġifieri indikazzjonijiet mhux metriċi. Iż-żamma ta' din l-iskadenza tkun spiża għall-intrapriżi kollha ta' l-UE involuti fil-kummerċ trans-Atlantiku.

1.3 Id-Direttiva tirrikjedi wkoll li r-Renju Unit u l-Irlanda jiffissaw skadenza li tikkonċerna l-eżenzjonijiet għall-użu tal-pinta, il-mil u t-troy ounces.

1.4 Il-proposta tal-Kummissjoni hi li jitneħħew dawn l-iskadenzi mingħajr ma jinbidlu b'oħrajn.

1.5 Id-Direttiva tiddefinixxi l-unitajiet metriċi jew l-unitajiet SI — li tfisser *Système International* u tirreferi għas-sistema użata fid-dinja kollha, adottata mill-*Conférence générale des poids et mesures* (CGPM) fl-1960 — bħala l-unitajiet legali ta' kejl fl-UE. Għalkemm l-Unjoni Ewropea mhijiex sinjatarja, l-Istati Membri kollha huma sinjatarji. L-aġġornament regolari ta' l-unitajiet SI għall-progress tekniku wassal lill-Kummissjoni sabiex tadotta s-simbolu tal-"katal" bħala l-unità SI għall-attività katalitika.

1.6 Il-KESE jilqa' din il-proposta tal-Kummissjoni fil-kuntest ta' l-isforzi li qegħdin isiru għal leġiżlazzjoni semplifikata u mtejba u jilqa' s-sensittività li wriet il-Kummissjoni billi għarfet l-importanza tas-"sussidjarjetà" għall-Irlanda u r-Renju Unit.

Brussell, it-12 ta' Diċembru 2007.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS